MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 673/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**MARIO CUTAJAR**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Cutajar detentur tal-karta tal-identita` numru 341066(M).

**Akkuzat talli:**

Nhar l-24 t'April 2009 u fi xhur ta` qabel, 'Numru 221', Triq San Giljan, Birkirkara u f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

1. Zamm Annimali (klieb) li ma jistghux:

a) Jinzammu;

b) Jinzammu marbutin, f’bini, f’imqajjel, f’gaggeg jew postijiet ohra ta` din ix-xorta u dan ai termini l-artikolu 7 (1) (a) u (c) tal-Kapitolu 439;

2. U aktar talli zamm l-ispeci u kategoriji ta` annimali (klieb) mhux kif gie preskritt mill-Ministru skond ir-Regolamenti biex jigu mharsa, mitmugha, misqijin, mdewwa u mghallma meta hu ma kienx il-persuna kwalifikata ghal dan u dan ai termini l-arikolu 8 (1) Taqsima IV tal-Kapitolu 439;

3. Talli gieghel annimal (klieb) isoffri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u dan ai termini l-artikolu 8 (2) Taqsima IV tal-Kapitolu 439;

4. Talli meta zamm l-annimali jew qabel li jzomm l-annimali (klieb) ma kienx responsabbli ghal trattament xieraq taghhom u dan ai termini l-Artikolu 8 (3) Taqsima IV tal-Kapitolu 439;

5. Talli zamm kelb ta` eta` ta` sitt (6) xhur jew izjed minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai tremini tal-Artikolu 3 u 17 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta` Malta;

6. Talli zamm iktar minn kelb wiehed f’xi dar li kienet qieghda f’post abitat u dan ai termini tal-Artikolu 5 (1) u 17 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. U aktar talli naqas li jiehu lill-kelb fl-eqreb ghassa tal-Pulizija u jgharraf lill-ufficjal tal-Pulizija inkarigat minn dik l-ghassa fejn sabet il-kelb u dan ai termini tal-Artikolu 13 u 17 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli 18, 7 (1) (a) (c), 8 (1) (2) (3), 45 (1) tal-Kapitolu 439, l-Artikolu 18, 3 (1) (2) (3), 5 (1) 13, (a) (b) u 17 tal-Kapitolu 312 u l-Artikolu 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti ezaminat fil-profond il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u dawk sottomessa mid-Difiza. Minn dan l-ezami jirrizulta li meta saret l-ewwel zjara mill-awtoritatjiet fil-fond tal-imputat, instabu xi irregolaritajiet fuq kif l-imputat kien qed izomm lill-annimali tieghu. Dan mhux biss jirrizulta mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni izda wkoll huwa ammess mill-Avukat Difensur tal-imputat fit-trattazzjoni finali tieghu.

Dan nonostante jirrizulta car mix-xhieda ta` Manuel Buhagiar, Enforcement Officer, illi, mat-tieni vizita` tal-awtoritajiet fil-fond tal-imputat, l-imputat kien ottempra ruhu mal-ordnijiet li kien gie mghoti mill-awtoritajiet u, llum, l-annimali tieghu qedghin jigu akkuditi kif suppost u mar-regoli tal-ligijiet vigenti.

Illi wiehed ghandu jiftakar illi l-iskop tal-gustizzja m’humiex biss retributtiva jew punittiva izda wkoll riformatorja. Il-Qorti ma tistax tigi immotivata mill-“ah” socjali li kien hawn f’dawn l-ahhar zminijiet fil-medja lokali dwar il-mohqrija lejn l-annimali meta taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha izda ghandha tassigura ruhha li l-lezzjoni itghalmet u li l-imputat biddel id-drawwiet tieghu, darba ghal dejjem u dak

li, qabel, kien qed jaghmel hazin illum qieghed jaghmlu tajjeb. Din il-Qorti hija sodisfatta minn dan.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien ta` sena (1) ai terminu tal-Artikolu 22 (4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------